MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 531/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata fl-10 ta' Mejju 1984 (Certifikat taz-zwieg anness Dok A);

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali pubblikat in atti Nutar Joseph Raphael Darmanin fit-18 ta' Settembru 2009 (kopja annessa Dok B);

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal, u skont il-klawsola 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet iddekadew mid-dritt taghhom li jitolbu manteniment minghand xulxin, u ghalhekk naturalment ma hemmx arretrati ta' manteniment dovuti;

Illi ghaddew aktar minn erbgha snin mid-data tas-separazzjoni legali u mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin , u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jinkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara z-zwieg tieghu mal-intimata Marthese (Maria Theresa) Chetcuti bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Novembru, 2013;

Rat illi waqt is-seduta tal-5 ta' Frar 2014 deher Dr Edward Gatt ghall-intimat u informa lill-Qorti illi l-intimata ma topponix ghad-divorzju u ma tixtieqx tipprezenta risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta'

Settembru 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova wkoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------